MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 227/2003

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Joanna Seychell u zewgha John Seychell**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm1,633) rapprezentanti import ta' tlieta u ghoxrin (23) kambjala, kollha ta' Lm71-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju, 2001, sa' April, 2003, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 23 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mid-data ta' kull skadenza li sas-16 ta' April, 2003 jammontaw ghal Lm144, oltre l-imghax ulterjuri

sal-pagament effetiv u bl-ispejjez, inkluzi tal-konsult legali (Lm6.00) kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici ta' l-14 ta' Ottubru, 2003, li biha rriduciet is-sorte bl-ammont ta' Lm41.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-17 ta' Novembru, 2003, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, kif ridotta, bl-ispejjez kontra l- konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------